MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Talba Numru. 912/2009

**Go Plc (C-22334)**
**vs**
**Ashraf Sallam (K.I. 15911A)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socejta’ attrici ghall-kundanna konvenut ghall-hlas ta’ elfejn, mija u tmienja u ghoxrin ewro, u tnejn u ghoxrin ewro centezmi (€2128.22) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenut lil Go Plc in konnessjoni ma servizzi telefonici li jgibu in-numri 2157 4152 u 2157 4164 (AC 40016304) skont dokumenti annessi mat-talba mmarkati Dok IZY 1, 2 u 3.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex jghaddi ghal hlas izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz u li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mill-Avukat Dr. Ingrid Zammit Young fil-15 ta’ Jannar, 2010 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------